Il-kapaċità minima ta' kuljum trid tkun iggarantita, għall-inqas skont l-indikazzjonijiet tal-iskema li ġejja:

OLB-LIN:

	Jan	Frar	Mar	Apr	Mej	Ġun	Lul	Aww	Sett	Ott	Nov	Diċ
It-Tnejn	280	280	300	560	850	1 420	1 740	1 200	1 010	300	310	280
It-Tlieta	270	270	280	550	780	790	1 350	1 250	800	360	290	200
L-Erbgħa	240	270	300	500	700	780	900	1 090	560	390	290	230

	Jan	Frar	Mar	Apr	Mej	Ġun	Lul	Aww	Sett	Ott	Nov	Diċ
Il-Ħamis	230	320	330	480	460	750	870	1 140	900	370	300	300
Il-Ġimgħa	400	400	420	420	510	830	1 000	1 800	970	540	340	350
Is-Sibt	290	300	320	520	580	1 130	1 340	1 810	1 120	380	310	340
Il-Ħadd	360	400	460	520	640	1 120	2 490	2 150	1 920	540	450	400

LIN-OLB:

	Jan	Frar	Mar	Apr	Mej	Ġun	Lul	Aww	Sett	Ott	Nov	Diċ
It-Tnejn	300	420	430	450	500	910	940	1 000	540	210	290	320
It-Tlieta	260	300	300	430	460	620	980	980	460	280	230	210
L-Erbgħa	220	250	320	580	600	830	1 020	1 020	520	440	270	220
Il-Ħamis	240	280	360	600	680	1 450	1 600	1 070	920	380	320	320
Il-Ġimgħa	290	380	400	700	710	1 610	2 350	1 870	1 290	500	300	410
Is-Sibt	230	310	370	350	650	1 690	1 790	2 020	820	460	250	450
Il-Ħadd	300	350	410	500	540	1 040	1 460	1 730	780	450	430	420

F'każ li r-rata totali ta' utilizzazzjoni tal-postijiet ta' kuljum tat-titjiriet previsti taqbeż it-80 %, it-trasportur li jkun aċċetta l-obbligi ta' servizz pubbliku fuq ir-rotta jingħata permess, wara awtorizzazzjoni minnaħa tal-ENAC, li jżid l-offerta billi jintroduċi titjiriet addizzjonali jew juża inġenji tal-ajru li jesgħu aktar, sakemm jissodisfa d-domanda li jkollu, mingħajr l-ebda obbligu għall-Amministrazzjoni.

F'każ li r-rata totali ta' utilizzazzjoni tal-postijiet ta' kuljum tat-titjiriet previsti tkun inqas minn 50 %, it-trasportatur li jkun aċċetta l-obbligi ta' servizz pubbliku fuq ir-rotta jkun jista' jitlob li jiġi awtorizzat mill-ENAC, bi ftehim mar-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja, biex iwettaq it-titjiriet billi juża inġenji tal-ajru li jesgħu inqas, mingħajr ma jnaqqas in-numru tal-frekwenzi.

Fi żmien il-Milied u l-Għid il-Kbir, il-frekwenzi għandhom jiġu miżjuda b'dan il-mod:

titjira żejda oħra bir-return mill-20 ta' Diċembru sat-8 ta' Jannar,

titjira żejda oħra bir-return mit-Tlieta ta' qabel l-Għid sa l-Erbgħa ta' wara.

Fil-festi tal-1 ta' Novembru, tat-8 ta' Diċembru, il-frekwenzi jistgħu jiġu miżjuda bħal fi żmien il-Milied; fil-festi tal-25 ta' April u tal-1 ta' Mejju, il-frekwenzi jistgħu jiġu miżjud bħal fi żmien l-Għid il-Kbir.

3. **IT-TIPI TA' INĠENJI TAL-AJRU U S-SERVIZZI T'ABBORD**

L-inġenji tal-ajru li jintużaw għat-titjiriet li jissemmew fil-punt 1.1. irid ikollhom kapaċità minima ta' 140 sit kull wieħed.

Abbord irid jingħata, bla ħlas, xi ikel u xi xorb.

4. **IL-BEJGĦ TAL-BILJETTI, IL-PRENOTAZZJONIJIET U L-LISTA TA' STENNIJA**

4.1. Il-kapaċità kollha ta' kull inġenju tal-ajru, anki jekk taqbeż il-limiti minimi pprovduti aktar 'il fuq, għal kull titjira, trid tinbiegħ skont is-sistema tal-obbligi, bla ebda sistema ta' kwoti ta' sits għal persuni residenti u/jew għal persuni li ma jkunux residenti. Bl-istess mod, l-aċċettazzjoni tal-prenotazzjonijiet u t-tidħil fil-listi ta' stennija jridu jsiru bla ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-passiġġieri li jappartjenu lil kategoriji vvantaġġjati previsti mill-obbligi tas-servizz.

4.2. Prattiki eventwali li jkollhom l-għan li jeludu indirettament din il-preskrizzjoni, u b'mod partikolari r-rifjut li jinħarġu biljetti b'tariffa mnaqqsa minkejja d-disponibbiltà tas-sits fuq l-inġenju tal-ajru, għandhom jitqiesu bħala ksur serju tal-konformità mas-sistema kkonċernata.

5. **TARIFFI**

5.1 L-istruttura tat-tariffi għar-rotot kollha kkonċernati tipprovdi:

— tariffa massima mnaqqsa kkonċernata li tkun it-tariffa massima applikabbli għall-passiġġieri li jappartjenu lill-kategoriji vvantaġġjati li għandhom jiġu ddefiniti aktar 'il quddiem;

— tariffa ħielsa applikabbli għall-passiġġieri kollha li ma jappartjenux lil kategoriji vvantaġġjati. It-trasportaturi li jaċċettaw l-obbligi tas-servizz għandhom jimpenjaw irwieħhom biex jistabbilixxu din it-tariffa skond livelli differenti, fejn jirrispettaw l-iskema li ġiet ikkomunikata lilhom meta aċċettaw l-obbligi skont kif ingħad fil-punt 1.7 (i) preċedenti.

It-trasportaturi li jaċċettaw l-obbligi tas-servizzi għandhom ikunu obbligati jippreżentaw lill-ENAC, kull tliet xhur, valutazzjoni tat-tariffi ħielsa applikati li turi t-tariffa medja użata.

It-tariffa mnaqqsa kkonċernata għandha tkun strutturata kif ġej:

Ir-rotta suġġetta għall-obbligi ta' servizz pubbliku	It-tariffa massima mnaqqsa kkonċernata
Alghero-Ruma Fiumicino	49,00
Alghero-Milan Linate	59,00
Cagliari-Ruma Fiumicino	49,00
Cagliari-Milan Linate	59,00
Olbia-Ruma Fiumicino	49,00
Olbia-Milan Linate	59,00

5.2 It-tariffi massimi mnaqqsa kkonċernati msemmija aktar 'il fuq jinkludu l-VAT, imma mhux it-taxxi u l-ħlasijiet tal-ajruporti u l-*crisis surcharge* li jlaħħqu l-ammont massimu permess ta' EUR 6. Jekk il-kundizzjonijiet li wasslu għall-impożizzjoni tal-*crisis surcharge* ma jibqgħux aktar fis-seħħ jew jinbidlu, din trid tiġi kkanċellata jew imnaqqsa proporzjonalment. Għall-ebda raġuni ma jista' jiġi miżjud xi ħlas ieħor mat-tariffi li ssemmew aktar 'il fuq, tkun xi tkun it-terminoloġija li biha tkun iddefinita din iż-żieda.

5.3 Il-biljetti bit-tariffa massima kkonċernata għat-titjiriet kollha suġġetti għall-obbligi ta' servizz pubbliku m'għandhom l-ebda limitu, u fir-rigward tagħhom la tista' tiġi applikata restrizzjoni, la penali minħabba bidla fid-data, fil-ħin jew fl-intinerarju, u lanqas penali bħala rimbors, għajr f'każijiet fejn l-inġenju tal-ajru ma jitfaċċax bla ma tingħata ġustifikazzjoni xierqa.

5.4 Id-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-biljetti b'mezzi elettroniċi għandha tkun bla ħlas u m'għandha tinvolvi l-ebda obbligu ekonomiku addizzjonali għall-passiġġier.

5.5 It-trasportaturi ma jistgħux jimmodifikaw it-tariffi mnaqqsa kkonċernati.

L-ammont ta' dawn it-tariffi ġie ddeterminat billi tqies il-prezz medju tal-karburant tal-ġettijiet, fuq kwotazzjoni Platts, b'cargo FOB Mediterraneo, ta' Mejju 2008, ta' USD 1 263 għal kull tunnellata metrika. Kull sena, mill-1 ta' Frar 2010, l-entitajiet kompetenti għandhom jirrivedu t-tariffi msemmija fuq il-bażi tar-rata tal-inflazzjoni tas-sena preċedenti kkalkulata fuq il-bażi tal-indiċi ġenerali tal-ISTAT/tan-NIC (mingħajr it-tabakk) tal-prezzijiet ta' konsum. Ir-reviżjoni għandha tiġi kkomunikata lit-trasportaturi kollha li joperaw fuq ir-rotot in kwistjoni u li japplikaw it-tariffi in kwistjoni u għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5.6 F'każ ta' varjazzjonijiet li f'termini perċentwali jkunu akbar minn 5 %, fil-medja kkalkulata kull tliet xhur mill-1 ta' Novembru 2008, tal-ispiża tal-karburant u/jew fil-kambju bejn l-euro u d-dollari Amerikani, fuq talba tat-trasportaturi, it-tariffi jridu jiġu mmodifikati fuq bażi perċentwali fil-konfront tal-varjazzjonijiet misjuba u fi proporzjon għall-impatt tal-ispiża tal-karburant fuq l-infiq kurrenti tat-trasportatur li għandu jlaħħaq it-30 %. Il-punt ta' referenza għall-kalkolu tal-varjazzjonijiet huwa magħmul mill-medja ta' kull xahar tal-prezz tal-karburant ta' Mejju 2008. Il-prezz għandu jiġi pparagunat mal-valur medju tax-xahar preċedenti. Għad-definizzjoni tal-prezz titqies il-kwotazzjoni Platts tal-karburant tal-ġettijiet cargo FOB tal-Mediterran espress f'dollari Amerikani għal kull tunnellata metrika. Il-kwotazzjoni li tinkiseb b'dan il-mod tiġi kkonvertita f'Euro skont il-valuri ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Ministru tal-Infrastruttura u tat-Trasport imbagħad jadatta t-tariffi, fuq il-bażi ta' stħarriġ li tkun għamlet l-ENAC, wara li jiġi kkonsultat ir-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja. Fil-każ ta' tnaqqis aktar mill-perċentwali msemmija, jingħata bidu għall-proċedura *ex-officio*. Matul l-istħarriġ li ssemma aktar 'il fuq, jistgħu jinstemgħu t-trasportaturi li joperaw it-titjiriet ikkonċernati. L-adattament eventwali tat-tariffi għandu jidħol fis-seħħ mill-15-il jum tat-tliet xhur ta' wara dawk tas-sejba u għandu japplika esklussivament għat-tariffa u mhux għad-drittijiet jew għat-taxxi tal-ajruporti, u lanqas għall-ħlasijiet żejda (*surcharges*).

5.7 It-tariffi mnaqqsa kkonċernati, kif ġie speċifikat aktar 'il fuq, għandhom jiġu applikati għall-inqas għal:

- ir-residenti f'Sardinja,
- il-persuni b'diżabbiltà (*),
- it-tfal u ż-żgħażagħ ta' bejn is-sentejn u l-21 sena (*),
- l-anzjani li għandhom aktar minn 70 sena (*),
- l-istudenti universitarji sakemm ma jkunux għalqu s-27 sena (*).

It-tfal li jkollhom inqas minn sentejn jivvjaġġaw bla ħlas jekk ma jokkupawx sit.

5.8 Il-biljett bit-tariffa mnaqqsa kkonċernata jinkludi, bla ebda ħlas addizzjonali, it-trasport tal-bagalji tal-idejn tal-passiġġier, fil-limiti permessi mid-dispożizzjonijiet li jkunu fis-seħħ, kif ukoll tal-bagalji l-oħra, ta' piż totali ta' 20 kg għal kull passiġġier.

6. **IL-KONTINWITÀ, IR-REGOLARITÀ U L-PUNTWALITÀ TAS-SERVIZZI**

6.1. Skont l-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, it-trasportatur li jaċċetta l-obbligi jrid jiggarantixxi s-servizz għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar konsekuttivi u ma jistax jissospendih.

6.2. Sabiex ikunu ggarantiti l-kontinwità ir-regolarità u l-puntwalità tat-titjiriet, it-trasportaturi li jaċċettaw dawn l-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom jimpenjaw irwieħhom biex:

- għal kull sena jwettqu t-98 % tat-titjiriet previsti fl-iskedi, b'marġni ta' kanċellazzjoni ta' mhux aktar minn 2 %,
- iħallsu lir-regolatur bħala penali EUR 2 500 għal kull titjira kkanċellata li taqbeż il-perċentwali annwali ta' kanċellazzjonijiet ta' 2 %,
- jagħtu kreditu ta' EUR 20 lil kull passiġġieri li jitlobulhom, biex ikun jista' jakkwista biljett ieħor, f'każ li inġenju tal-ajru jasal b'dewmien ta' aktar minn 60 minuti fuq il-ħinijiet tal-iskeda tort tat-trasportatur stess,
- jinformaw b'mod korrett lill-passiġġieri rigward u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom fuq l-ajruplani tagħhom il-formoli għat-talba ta' kreditu, li ġew iddefiniti bl-iffirmar tal-Konvenzjoni.

6.3. Mill-applikazzjoni tar-regoli msemmija aktar 'il fuq għandhom jiġu esklużi t-titjiriet li ġew ikkanċellati u dawk li ttardjaw minħabba kundizzjonijiet tat-temp, strajkijiet jew avvenimenti li t-trasportatur ma jkunx responsabbli għalihom u/jew li ma jkollu l-ebda kontroll fuqhom.

7. **IS-SANZJONIJIET**

7.1. It-trasportaturi li, minkejja li jkunu aċċettaw l-obbligi ta' servizz pubbliku, ma jagħtux is-servizz għat-12-il xahar konsekuttivi pprovduti, jiġu esklużi għall-ħames snin sussegwenti milli jaċċettaw l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fl-Italja. Barra minn hekk, dawn it-trasportaturi jiġu suġġetti għal penali li tkun daqs l-ammont ta' garanzija li jkunu taw skont l-Artikolu 1(4).

7.2. Sabiex tkun iggarantita l-konformità ma' dawn l-obbligi min-naħa tat-trasportaturi li jaċċettaw l-obbligi ta' servizz pubbliku, fl-Assessorat tat-Trasport tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardinja ġie stabbilit il-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ tat-Twettiq tal-Obbligi tas-Servizz (minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ: il-"Kumitat"), li huwa magħmul minn membru maħtur mill-Assessur Reġjonali tat-Trasport, membru maħtur mill-ENAC u membru għal kull trasportatur li jkun aċċetta l-obbligi ta' servizz pubbliku.

7.3. Il-Kumitat għandu jkun ippresjedut mill-Assessur Reġjonali tat-Trasport u ġeneralment għandu jiltaqa' kull tliet xhur, ħlief f'każi urġenti li għandhom jiġu vvalutati mill-President. Il-Kumitat għandu jagħmel użu mill-informazzjoni miġbura mill-Uffiċjali Distrettwali ta' Ġestjoni tal-Ajruport ta' Sardinja, mill-kumpanija ta' ġestjoni tal-ajruport, miċ-ċittadini individwali jew mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, f'konformità ma' dawn l-obbligi. Il-Kumitat għandu jiskopri ksur eventwali ta' dawn l-obbligi ta' servizz, għandu jiddokumentahom u għandu jipproponi lill-ENAC, skont kif ikun xieraq, l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jerġa' jkun hemm servizz regolari jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, fejn jissuġġerrixi t-tipi u l-ammont tagħhom.

(*) Bla ebda diskriminazzjoni relatata mal-post tat-twelid, tar-residenza jew man-nazzjonalità.

8. **IL-VALIDITÀ U L-PERMANENZA TAL-OBBLIGI TA' SERVIZZ PUBBLIKU**

8.1 L-obbligi ta' servizz pubbliku rregolati minn din l-ordni għandhom isiru obbligatorji malli jibda l-istaġun xitwi tal-IATA tal-2008.

8.2 Il-ħtieġa li jinżammu l-obbligi ta' servizz pubbliku fuq rotta, kif ukoll il-livell tal-obbligi imposti, jridu jiġu eżaminati mill-ġdid kull darba li trasportatur ġdid ieħor jinnotifika l-ħsieb tiegħu li jopera fuq din ir-rotta billi jaċċetta l-obbligi, u jkun xi jkun il-każ, għall-inqas darba fis-sena.

9. **L-AĊĊETTAZZJONI**

9.1 It-trasportaturi li biħsiebhom joperaw fuq rotta suġġetta għall-obbligi ta' servizz pubbliku jridu jippreżentaw aċċettazzjoni formali u sħiħa tal-obbligi ta' servizz pubbliku lill-Awtorità Nazzjonali Taljana tal-Avjazzjoni Ċivili, fejn għal kull rotta aċċettata, għandhom jindikaw, b'mod dettaljat, l-iskeda ppjanata għażżewġ staġuni aeronawtiċi konsekuttivi tal-aċċettazzjoni tal-obbligi. Sabiex ikun jista' jiġi vvalutat jekk trasportatur jissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 1.7, biex ikun żgurat li l-islots meħtieġa biex jitwettaq is-servizz ikunu disponibbli, u biex ikun evitat li l-obbligi ta' servizz pubbliku jiġu aċċettati biss għal perjodi qosra u vantaġġjużi li jkunu inqas mill-perjodu msemmi fil-punt 1.3, l-Awtorità Nazzjonali Taljana tal-Avjazzjoni Ċivili għandha toħroġ awtorizzazzjonijiet biex it-trasportaturi joperaw fuq ir-rotta aċċettata biss fil-bidu ta' kull staġun aeronawtiku ta' kull sena.

Biex ir-rotta tkun tista' tiġi operata sew, l-aċċettazzjonijiet għandhom jaslu għand l-Awtorità Nazzjonali Taljani tal-Avjazzjoni Ċivili mhux aktar tard mis-sittin jum qabel ma jibda l-istaġun aeronawtiku li fih it-trasportatur biħsiebu jibda jopera.

9.2 Fl-istadju tal-ewwel applikazzjoni ta' din is-sistema, it-terminu li ssemma aktar 'il fuq għandu jitnaqqas għall-20 jum qabel ma jibda l-istaġun aeronawtiku xitwi tal-2008.

Dawn l-obbligi jissostitwixxu dawk ippubblikati fil-*Gazzetta Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 72 ta' l-24 ta' Marzu 2006, p. 4.

Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 232/06)

Għajnuna Nru	XR 85/08
Stat Membru	Ir-Rumanija
Reġjun	—
It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc*	Schemă de ajutor de stat pentru dezvoltare regională prin crearea și dezvoltarea structurilor de sprijinire a afacerilor
Bażi legali	Ordinul Ministrului Dezvoltării, Lucrărilor Publice și Locuințelor nr. 287 din data de 6.3.2008 „privind aprobarea schemei de ajutor de stat pentru dezvoltarea regională prin crearea și dezvolatrea structurilor de sprijinire a afacerilor din cadrul Programului Operațional Regional 2007-2013" (Monitorul Oficial al României nr. 249, 31.3.2008)
Tip ta' miżura	Skema ta' għajnuna
Baġit globali	RON 833,99 miljun; Imħallas fuq 3 il sena
Intensità massima ta' l-għajnuna	50 %
	Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament
Data ta' l-implimentazzjoni	11.4.2008
Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali	31.12.2010
Setturi ekonomiċi kkonċernati	Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali
	—
Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna	Ministerul Dezvoltării, Lucrărilor Publice și Locuințelor Strada Apolodor nr. 17, sector 5 RO-050741, București Tel. (40-37) 211 16 36
l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna	http://www.inforegio.ro/index.php?page=STATE_AID
Tagħrif iehor	—

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

SEJĦA GĦAL PROPOSTI — EACEA/26/08

Appoġġ strutturali għal organizzazzjonijiet pubbliċi Ewropej għar-riċerka tal-politika pubblika u għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq livell Ewropew — 2009

Ċittadinanza — P7

(2008/C 232/07)

1. GĦANIJIET U DESKRIZZJONI

Din is-sejħa għal proposti EACEA/26/08 hija bbażata fuq id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" ([1]) li jippromwovi ċittadinanza attiva Ewropea għall-perijodu bejn 2007 u 2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm")

Il-Programm jikkostitwixxi l-bażi legali għal din is-sejħa għal proposti, u jirreferi għal azzjoni 2 "Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa", miżura 1 u 2, l-appoġġ Strutturali għal organizzazzjonijiet tar-riċerka fil-politika pubblika Ewropea u għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq-livell Ewropew.

Il-Gwida tal-Programm jipprovdi tagħrif lil dawk kollha interessati dwar l-istruttura ġenerali tal-programm u l-implimentazzjoni tiegħu. L-organizzazzjonijiet li bi ħsiebhom jissottomettu applikazzjoni fi ħdan din is-sejħa għal proposti huma għaldaqstant mistiedna jistudjaw ukoll il-partijiet ġenerali tal-gwida tal-programm li jinsab fuq dan is-sit elettroniku: http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index.en.htm.

1.1 Objettivi ġenerali tal-Programm

Il-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (2007-2013) huwa maħsub sabiex jikkontribwixxi għal dawn l-oġġettivi ġenerali li ġejjin:

(a) jagħti l-opportunità liċ-ċittadini biex jinteraġġixxu u jieħdu sehem fil-bini ta' Ewropa dejjem aktar imqarrba, demokratika b'orjentazzjoni dinjija, magħquda u mkattra permezz tad-diversità kulturali tagħha, b'hekk tiġi żviluppata ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea;

(b) żvilupp ta' sens ta' identità Ewropea, mibni fuq valuri komuni, storja u kultura;

(c) trawwim ta' sens ta' appartenenza għall-Unjoni Ewropea fost iċ-ċittadini tagħha;

(d) tisħiħ tal-fehim reċiproku bejn ċittadini Ewropej ir-rispett u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, filwaqt li jikkontribwixxi għal djalogu interkulturali.

1.2 Miri speċifiċi għas-sejħa

Il-miri speċifiċi għal din is-sejħa għal proposti huma:

(a) it-trawwim ta' azzjoni, dibattitu u riflessjoni marbuta maċ-ċittadinanza u d-demokrazija Ewropea, valuri kondiviżi, storja u kultura komuni permezz ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet fi ħdan is-soċjetà ċivili fuq livell Ewropew;

(b) it-tħeġġiġ ta' interazzjoni bejn ċittadini u organizzazzjonijiet fi ħdan is-soċjetà ċivili mill-pajjiżi parteċipanti kollha, il-kontribuzzjoni għal djalogu interkulturali u li ġġib fuq quddiem nett kemm id-diversità kif ukoll l-għaqda Ewropea, b'attenzjoni partikolari għall-attivitajiet immirati sabiex jiżviluppaw rabtiet aktar qrib bejn ċittadini mill-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni Ewropea qabel u dawk li daħlu sa mit-30 ta' April 2004.

Skont it-termini tas-sejħa, organizzazzjoni **trid tiffoka fuq tal-inqas wieħed minn dawk il-miri speċifiċi** (ara punt 2.2.1 tat-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti).

1.3. Prijoritajiet tematiċi

L-organizzazzjoni li tintagħżel għandha tiffoka wkoll fil-programm ta' ħidma tagħha fuq **tal-inqas waħda** minn dawn **il-prijortajiet tematiċi** (ara punt 2.2.2. tat-test sħiħ għas-sejħa għall-proposti):

(a) il-futur tal-Unjoni Ewropea u tal-valuri fundamentali tagħha;

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006, ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.

(b) ċittadinanza Ewropea Attiva — parteċipazzjoni u demokrazija fl-Ewropa;

(c) djalogu interkulturali;

(d) impatt tal-linji politiċi tal-UE fuq is-soċjetà;

(e) il-benesseri tal-persuni fl-Ewropa, impieg, koeżjoni soċjali u żvilupp sostenibbli

1.4. **Deskrizzjoni tas-sejħa**

Din is-sejħa għal proposti tikkonċerna **appoġġ strutturali, riferut bħala għotja operattiva,** lil **organizzazzjonijiet li jkunu qegħdin isegwu għan ta' interess ġenerali Ewropew**.

Għotjiet operattivi jagħtu appoġġ finanzjarju lil spejjeż meħtieġa għat-tmexxija xierqa tal-attivitajiet normali u permanenti ta' organizzazzjoni magħżula.

Dawn l-ispejjeż jinkludu b'mod partikolari spejjeż tal-persunal, spejjeż addizzjonali (tariffi ta' kiri u ta' proprjetà, tagħmir, provvisti tal-uffiċċju, telekomunikazzjonijiet, tariffi postali, eċċ.) spejjeż għal laqgħat interni, pubblikazzjonijiet, tagħrif u spejjeż għat-tixrid tiegħu, u spejjeż marbuta direttament mal-programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni.

L-għan hu li jintgħażlu organizzazzjonijiet li, permezz tal-**attivtajiet permanenti, normali u regolari** jikkontribwixxu għall-miri tal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini".

NOTA:

Sejħa speċifika għal proposti (sejħa EACEA/26/08 "Appoġġ strutturali għal organizzazzjonijiet tar-riċerka dwar politika pubblika Ewropea u għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq livell Ewropew 2008-2009") ġiet ippubblikata fis-26 ta' Settembru 2007 (ĠU C 226, p. 4), li ppermettiet lil organizzazzjonijiet li japplikaw jew għal Għotjiet Operattivi Annwali li jkopru s-sena baġitarja 2008 jew Sħubiji Strateġiċi Multi-Annwali li jkopru s-snin tal-baġit 2008 u 2009.

Din is-sejħa ma tikkonċernax organizzazzjonijiet li diġà kienu ntagħżlu sabiex jikkonkludu **Ftehim ta' Sħubija Qafas 2008-2009** mal-Aġenzija, iżda timmira għall-għażla ta' organizzazzjonijiet għall-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Għotja Annwali li jkopru s-sena baġitarja 2009.

Organizzazzjonijiet magħżula permezz tas-Sejħa 30/07 sabiex jirċievu l-Għotja Operattiva Annwali għall-2008, kif ukoll organizzazzjonijiet li ma applikawx jew li ma ntgħażlux permezz tas-Sejħa 30/07 huma mistiedna japplikaw jekk il-profil tagħhom jikkorrispondi mad-deskrizzjoni t'hawn taħt.

2. **APPLIKANTI ELIĠIBBLI**

2.1. **Organizzazzjonijiet**

Sabiex tkun eliġibbli għal għotja operattiva, organizzazzjoni li jkollha għan ta' interess ġenerali Ewropew għandha tkun:

— **Miżura 1**: organizzazzjoni Ewropea ta' riċerka dwar politika pubblika (*think-thank*) (deskritta f'punt 2.1 tat-test sħiħ għas-sejħa għal proposti)

jew

Miżura 2: organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew li tippromwovi ċittadinanza Ewropea (deskritta f'punt 2.1 tat-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti),

— organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt u li hija indipendenti bi status legali u b'personalità legali.

Għandha wkoll:

— topera fil-qasam taċ-ċittadinanza Ewropea kif spjegat b'mod ċar fl-artikli ta' assoċjazzjoni,

— twettaq il-maġġoranza tal-attivitajiet tagħha f'pajjiżi eliġibbli.

N.B.: Kuntratturi privati individwali, universitajiet, Djar-Ewropej jew amministrazzjonijiet pubbliċi li jeżerċitaw funzjonijiet governattivi f'livelli lokali, reġjonali jew nazzjonali m'humiex eliġibbli.

Deskrizzjoni sħiħa tal-kandidati potenzjali għal għotja u l-kriterji dettaljati tas-sejħa jistgħu jinstabu taħt punti 2 u 5 tat-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti.

2.2. **Pajjiżi**

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed minn dawn il-pajjiżi:

(a) **l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Jannar 2007 (27)**: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit;

(b) il-**Kroazja** (tagħrif dwar il-ftehimiet li jistabbilixxu l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra għandu jiġi kkonsultat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA):

http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm)

3. **KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI**

L-aġġudikazzjoni tal-għotja operattiva annwali għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali. Il-proċedura ta' aġġudikazzjoni ssir kif ġej:

— **Verifika tal-eliġiblità**: l-applikazzjonijiet jiġu ċċekjati biex ikun żgurat li huma kompatibbli b'mod sħiħ mal-eliġibilità (punt 5 tat-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti). Il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti f'sezzjoni 6 tas-sejħa jiġu applikati.

— **Verifika tal-kapaċità operattiva u finanzjarja**: il-kapaċità operattiva u finanzjarja għandha tiġi vverifikata (proċedura deskritta f'punt 7 tat-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti).

— **Evalwazzjoni**: proposti li jkunu konformi mal-verifika għall-eliġibilità u l-verifika għall-kriterji operattivi u finanzjarji għandhom jiġu evalwati minn kumitat ta' evalwazzjoni **fuq il-bażi ta' kriterji ta' aġġudikazzjoni kwalitattivi u kwantitattivi** bil-għan li jiddeterminaw liema proposti jistgħu jiġu kofinanzjati. Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jkun megħjun minn esperti indipendenti.

Il-kriterji kwalitattivi għandhom jammontaw għal 80 % u l-kriterji kwantitattivi għal 20 % tal-grad attribwit għall-applikazzjonijiet rigward il-kriterji ta' aġġudikazzjoni.

3.1 **Kriterji Kwalitattivi (20 %)**

Il-fatturi li ġejjin sejrin jiġu vvalutati:

(a) rilevanza għall-miri u t-temi tal-programm Ewropa għaċ-Ċittadini (30 %);

(b) kemm il-programm ta' ħidma huwa adegwat, koerenti u sħiħ (20 %);

(c) l-impatt u r-riżultati mistennija tal-programm ta' ħidma (10 %);

(d) il-valur miżjud Ewropew (10 %);

(e) il-viżibilità tal-attivitajiet u t-tixrid u l-użu tar-riżultati firrigward ta' ċittadini Ewropej u oħrajn interessati (10 %).

3.2 **Kriterji Kwantitattivi (20 %)**

Il-fatturi li ġejjin sejrin jiġu vvalutati:

(a) numru ta' pajjiżi involuti fil- programm ta' ħidma (10 %);

(b) numru ta' parteċipanti direttament involuti jew li jgawdu direttament mill-attivitajiet tal-programm ta' ħidma (10 %)

4. **BAĠIT**

4.1 **Baġit ġenerali għas-sejħa għall-proposti**

Il-baġit totali previst għall-kofinanzjament tal-għotjiet operattivi huwa ta' **madwar EUR 600 000** għall-2009. L-Aġenzija Eżekuttiva bi ħsiebha tiffinanzja madwar 10 applikazzjonijiet taħt din is-sejħa, iżda tirriżerva d-dritt li ma tużax il-fondi kollha disponibbli.

L-appoġġ strutturali sejjer jiġi aġġudikat skont il-parti 15.06.66 tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

4.2 **Ammonti massimi għal applikazzjonijiet individwali**

Fl-2009, **l-ammont massimu** għal għotja operattiva se jkun ta' **EUR 60 000**.

L-għajnuna finanzjarja Komunitarja ma tistax taqbeż it-80 % tal-ispejjeż provviżorji. Għall-applikant li jkun qiegħed juża l-metodu ta' kalkolu tal-għotja Abbażi tal-Baġit (ara taħt), dan jirreferi biss għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-organizzazzjoni.

4.3. **Metodi ta' kalkolazzjoni tal-għotja: Abbażi tal-Baġit jew ta' Rata Fissa**

Għall-kalkolazzjoni tal-ammont tal-għotja operattiva, l-organizzazzjonijiet applikanti jistgħu jagħżlu bejn żewġ sistemi ta' finanzjament:

(1) finanzjament b'rata fissa;

(2) finanzjament tradizzjonali tal-ispejjeż eliġibbli skont il-baġit (kalkolu abbażi tal-baġit).

Il-finanzjament b'rata fissa jissimplifika l-kalkolazzjoni tal-ammont tal-għotja b'mod konsiderevoli meta mqabbel mas-sistema tradizzjonali fejn l-għotja hija maħduma abbażi ta' baġit dettaljat ta' spejjeż eliġibbli. Fis-sistema ta' rata fissa il-benefiċjarju jirċievi ammont fiss għal kull membru tal-istaff tal-organizzazzjoni tiegħu

L-organizzazzjonijiet li japplikaw is-sistema ta' rata fissa jistgħu jużaw l-għotja għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma miftiehem mingħajr ma jkunu limitati permezz ta' kategoriji u livelli predeterminati tal-baġit. Dan jippermetti flessibilità akbar u użu eħfef tal-għotja.

Għalkemm is-sistema ta' rata fissa tbiddel il-kalkolazzjoni bażika tal-għotja, il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha bħal-livelli ta' finanzjament massimu jibqgħu japplikaw.

Deskrizzjoni sħiħa taż-żewġ metodi ta' kalkolazzjoni tal-għotja jistgħu jinstabu f'punt 9 tat-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti.

4.4. **Perijodu ta' eliġibilità**

Il-perijodu ta' eliġibilità għandu jikkorrespondi mas-sena baġitarja tal-applikant, kif muri mill-kontijiet ivverifikati tal-organizzazzjoni.

Jekk is-sena tal-baġit tal-applikant tikkorrispondi mas-sena kalendarja, il-perijodu ta' eliġibilità għandu jkun mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

Għall-applikanti b'sena ta' baġit li tvarja mis-sena kalendarja, il-perijodu ta' eliġibilità għandu jkun il-perijodu ta' 12-il xahar mid-data tal-bidu tas-sena tal- baġit fl-iskeda 2009.

5. **ORARJU**

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) sa mhux aktar tard mis-**17 ta' Novembru 2008** (data skont it-timbru postali).

Dawk l-applikazzjonijiet biss li jiġu ppreżentanti fil-forma xierqa, li jkunu mimlija kif suppost, datati, b'bilanċ tal-baġit (dħul/infiq) mehmuż jew kalkolazzjoni tal-għotja kompluta (ara punt 9 tas-sejħa sħiħa għall-proposti), sottomessi f'żewġ kopji (dokument wieħed oriġinali jrid ikun identifikat bħala tali b'mod ċar u kopja waħda ċċertifikata), iffirmati mill-persuna awtorizzata li tidħol f'impenn li għandu rabta legali f'isem il-korp applikanti jiġu aċċettati.

L-applikazzjonijiet li ma jkunx fihom id-dokumenti kollha meħtieġa u/jew ma jiġux sottomessi fi żmien l-iskadenza speċifika ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

— Bil-posta, data skont it-timbru postal:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Unit P7 — Citizenship
"Europe for citizens" Call for proposals EACEA/26/08
Operating grants
BOUR, 01/25
Avenue du Bourget 1
B-1140 Brussels

— *Personalment*, qabel il-5.00 p.m., bid-data ta' meta waslet tkun disponibbli, jew *permezz ta' membru tal-istaff tas-servizz ta' express courier*, fejn id-data ta' meta twasslet mill-kumpanija tal-*couriers* tkun applikabbli, fl-istess indirizz.

6. **AKTAR TAGĦRIF**

It-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti u l-formola ta' applikazzjoni jistgħu jinstabu minn fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA):

http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli mar-rekwiżit spjegat fit-test sħiħ u għandhom jiġu sottomessi skont il-formoli pprovduti.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5327 — Ashland/Hercules)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 232/08)

1. Fl-1 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li biha l-impriża Ashland, Inc. ("Ashland," l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll sħiħ ta' l-impriża Hercules, Inc. ("Hercules", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Ashland: il-manifattura u l-provvista ta' polimeri komposti, kolol, trattamenti tal-ilma tal-ipproċessar jew tas-servizzi, lubrikanti, kimiċi tal-vetturi u d-distribuzzjoni ta' prodotti kimiċi, tal-plastik u ta' materjali komposti,

— għal Hercules: il-manifattura u l-provvista ta' kimiċi speċjalizzati għall-industrija tal-polpa u l-karta, polimeri li jinħallu fl-ilma (partikolarment derivattivi taċ-ċellulosi u l-guar) u derivattivi mir-raża tal-injam.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni avżata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija rriżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5327 — Ashland/Hercules, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Notifika mill-Gvern Ungeriż skont id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ([1])

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 232/09)

1. **L-Uffiċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija qed joħroġ sejħa għall-offerti skont it-Taqsima 26/A(6)-(7) tal-Att Nru XLVIII tal-1993 dwar il-minjieri 19.) elenkati fil-punt 2 taħt**.

Malli jikseb dawn id-drittijiet (i.e. mad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li taħtar lid-detentur il-ġdid tad-drittijiet), id-detentur tad-drittijiet minerali se jiġi awtorizzat imexxi l-operazzjonijiet tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni li tirregola dan is-settur.

Skont il-liġi applikabbli, il-parti li tingħata d-drittijiet minerali għandha tfittex l-approvazzjoni ta' pjan tekniku operattiv mid-Dipartiment tal-Minjiieri qabel ma jibdew l-operazzjonijiet. L-ebda operazzjoni attwali ma tista' tinbeda mingħajr pjan tekniku operattiv approvat.

Min iressaq l-applikazzjonijiet għandu jkun kapaċi jipprova li xtara kopja tal-fajl dettaljat dwar is-sejħa mill-Uffiċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (disponibbli biss jekk wieħed imur personalment l-Uffiċju).

Il-fajl tas-sejħa għall-offerti jista' jinxtara mis-segretarjat presidenzjali tal-Uffiċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (H-1145 Budapest, Columbus u. 17-23) għal HUF 25 000.

L-Uffiċju Ungeriż għall-Mijieri u l-Ġeoloġija mhuwiex responabbli għal ebda obbigu jew talba li jistgħu jqumu b'rabta mad-drittijiet tat-tħaffir ħlief dawk stipulati fil-punt 2 taħt u fil-fajl tas-sejħa.

L-applikazzjonijiet għad-drittijiet tat-tħaffir għar-riżorsi minerali tal-idrokarburi għandhom jitressqu bil-posta lis-segretarjat presidenzjali tal-Uffiċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (H-1145 Budapest, Colombus u. 17-23) fi tliet kopji, fi żmien 90 jum mill-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-applikazzjonijiet li jiġu impustati wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikazzjonijiet kollha se jiġu evalwati fl-istess ħin, **fi żmien 30 jum mill-iskadenza għat-tressiq**.

L-Awtorità għas-Superviżjoni tal-Minjieri se toħroġ deċiżjoni li taħtar lill-offerent rebbieħ u d-detentur il-ġdid tad-drittijiet tas-sit għat-tħaffir. L-informazzjoni dwar l-offerent rebbieħ se tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-Uffiċju Ungeriż għall-Minjieri u l-Ġeoloġija (www.mbfh.hu).

Proċedura għall-istħarriġ tal-proposti:

— il-prezz offrut lill-Istat għax-xiri tas-sit għat-tħaffir,

— kemm hi xierqa l-qagħda finanzjarja tal-offerent kif muri mid-dokumenti anċillari.

L-applikanti għandhom jipprovdu assigurazzjoni fl-offerta li sejrin jimxu mal-obbligi li joħorġu mid-drittijiet tat-tħafir, partikolarment fir-rigward tal-pajżaġġar u l-ħarsien ambjentali u tan-natura.

2. **DRITTIJIET GĦAT-TĦAFFIR OFFRUTI B'DIN IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI**

IL-ĠURISDIZZJONI TAD-DIPARTIMENT TAT-TĦAFFIR TA' PECS

Tagħrif bażiku dwar is-sit "INKE I. — szénhidrogén"

(a) lokazzjoni ġeografika: il-kontea ta' Somogy, il-muniċiplaitajiet ta' Inke, Iharosberény, Iharos, Vése, u Somogyszob, erja totali 52,8 km^2;

(b) riżorsi minerali disponibbli skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Proprjetà Minerarja (OÁNY);

(ba) isem: żejt minerali;

(bb) kwantità: stokk ġeoloġiku 3 456,0 Mm^3, stokk li għandu jiġi prodott: 2 740,1 Mm^3;

(bc) kwalità: tagħrif mhux disponibbli;

([1]) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

(c) il-prezz minimu li se jitħallas għad-drittijiet għat-tħaffir: HUF 10 000 000;

(d) obbligu fir-rigward tal-pajżaġġar: kif ipprovdut fid-dokumentazzjoni teknika.

Tagħrif bażiku dwar is-sit "LISZÓ I. — szénhidrogén"

(a) lokazzjoni ġeografika: il-kontei ta' Zala u Somogy, il-muniċipalitajiet ta' Inke, Liszó, Nemespátró, Pogányszentpéter u Iharosberény, erja totali 13,54 km^2;

(b) riżorsi minerali disponibbli skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Proprjetà Minerarja (OÁNY);

(ba) isem: gass naturali;

(bb) kwantità: stokk ġeoloġiku 492,1 Mm^3, stokk li għandu jiġi prodott: 400,1 Mm^3;

(bc) kwalità: tagħrif mhux disponibbli;

(c) il-prezz minimu li se jitħallas għad-drittijiet għat-tħaffir: HUF 10 000 000;

(d) obbligu fir-rigward tal-pajżaġġar: kif ipprovdut fid-dokumentazzjoni teknika.

IL-ĠURISDIZZJONI TAD-DIPARTIMENT TAT-TĦAFFIR TA' SZOLONOK

Tagħrif bażiku dwar is-sit "Farmos II — szénhidrogén"

(a) lokazzjoni ġeografika: il-kontea ta' Pest, il-muniċipalità ta' Farmos; il-kontea ta' Jász-Nagykun-Szolnok, barra l-belt ta' Jászberény, erja totali 8,48 km^2;

(b) riżorsi minerali disponibbli skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Proprjetà Minerarja (OÁNY);

(ba) isem: gass naturali;

(bb) kwantità: stokk ġeoloġiku 31,38 Mm^3, stokk li għandu jiġi prodott: 27,14 Mm^3;

(bc) kwalità: tagħrif mhux disponibbli;

(c) il-prezz minimu li se jitħallas għad-drittijiet għat-tħaffir: HUF 4 000 000;

(d) obbligu fir-rigward tal-pajżaġġar: kif ipprovdut fid-dokumentazzjoni teknika.

Tagħrif bażiku dwar is-sit "Szolnok III I. — szénhidrogén"

(a) lokazzjoni ġeografika: il-kontea ta' Jász-Nagykun-Szolnok, barra l-belt ta' Szolnok, erja totali 2,14 km^2;

(b) riżorsi minerali disponibbli skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Proprjetà Minerarja (OÁNY);

(ba) isem: 1. żejt minerali, 2. gass naturali, 3. gass CO_2;

(bb1) kwantità: stokk ġeoloġiku 1326,03 kt, stokk li għandu jiġi prodott: 132,6 kt;

(bb2) kwantità: stokk ġeoloġiku 43,5 Mm^3, stokk li għandu jiġi prodott: 4,35 Mm^3;

(bb3) kwantità: stokk ġeoloġiku 554,12 Mm^3, stokk li għandu jiġi prodott: 387,89 Mm^3;

(bc) kwalità: tagħrif mhux disponibbli;

(c) il-prezz minimu li se jitħallas għad-drittijiet għat-tħaffir: HUF 15 000 000;

(d) obbligu fir-rigward tal-pajżaġġar: kif ipprovdut fid-dokumentazzjoni teknika.

IL-ĠURISDIZZJONI TAD-DIPARTIMENT TAT-TĦAFFIR TA' VESZPRÉM

Tagħrif bażiku dwar is-sit "CELLDÖMÖLK I. — szénhidrogén"

(a) lokazzjoni ġeografika: il-kontea ta' Vas, barra l-belt ta' Celldömölk rja totali 2,25 km^2;

(b) riżorsi minerarji disponibbli skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Proprjetà Minerarja (OÁNY);

(ba) isem: gass naturali;

(bb) kwantità: 53,5 Mm^3, stokk li għandu jiġi prodott: 37,4 Mm^3;

(bc) kwalità: tagħrif mhux disponibbli;

(c) il-prezz minimu li se jitħallas għad-drittijiet għat-tħaffir: HUF 5 000 000;

(d) obbligu fir-rigward tal-pajżaġġar: kif ipprovdut fid-dokumentazzjoni teknika.

Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda b'konnessjoni mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi

(2008/C 232/10)

Il-Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju ta' l-Olanda jinnotifika li waslet applikazzjoni għall-prospettar ta' l-idrokarburi fil-blokk E9, għal dik is-sezzjoni mill-mappa annessa bħala l-Anness 3 għar-Regolament Minerarju (*Mijnbouregeling*) (*Staatscourant* 2002, Nru 245).

Il-Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi b'dan jistieden lill-partijiet interessati biex iressqu applikazzjoni kompetittiva għall-prospettar ta' l-idrokarburi fil-blokk E9 tal-blata kontinentali ta' l-Olanda, b'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u l-Artikolu 15 ta' l-Att Minerarju (*Mijnbouwwet*) (*Staatsblad* 2002, 542).

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa responsabbli għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, kundizzjonijiet u rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att Minerarju (*Mijnbouwwet*)(*Staatsblad* 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu għal 13-il ġimgħa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għandhom jiġu indirizzati lil:

Minstru tal-Affarijiet Ekonomiċi
Għall-attenzjoni ta' J.C. De Groot, Director for the Energy Market
ALP/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
Nederland

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu wara li tkun għaddiet din l-iskadenza.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tittieħed mhux aktar tard minn tnax-il xahar minn din l-iskadenza.

Aktar tagħrif jinkiseb minn E.J. Hoppel permezz tan-numru tat-telefown: (31-70) 379 77 62.

Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda abbażi l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi (idro-karbonji)

(2008/C 232/11)

B'dan il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi qed javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-prospettar tal-idrokarbonji fil-blokk E11 kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness Nru 3 tar-Regolament dwar il-Minjieri (*Mijnbouwregeling*) (Gazzetta tal-Gvern (*Staatscourant*) 2002, Nru 245).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fid-daħla u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti [*Staatsblad*] 2002, Nru 542), il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni kompetittiva għal awtorizzazzjoni għall-prospettar għall-idrokarbonji fil-blokk E11 tal-blata kontinentali tal-Olanda.

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att dwar il-Minjieri (Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu fi żmien 13-il ġimgħa mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi
Għall-attenzjoni ta' J.C. De Groot, Direttur tas-Suq tal-Enerġija
ALP/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
Nederland

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jidħlu wara l-għeluq ta' dan iż-żmien.

Deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar mill-għeluq ta' dan il-perjodu.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq dan in-numru tat-telefown: (31-70) 379 77 62 (persuna ta' kuntatt: E.J. Hoppel).

Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda abbażi l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarboni (idrokarbonji)

(2008/C 232/12)

B'dan il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi qed javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-prospettar tal-idrokarbonji fil-blokk E12 kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament dwar il-Minjieri (*Mijnbouwregeling*) (Gazzetta tal-Gvern [*Staatscourant*] 2002, Nru 245).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fid-daħla u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti [*Staatsblad*] 2002, Nru 542), il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi qed jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni kompetittiva għal awtorizzazzjoni għall-prospettar tal-idrokarbonji fil-blokk E12 tal-blata kontinentali tal-Olanda.

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att dwar il-Minjieri (Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu fi żmien 13-il ġimgħa mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi
Għall-attenzjoni ta' J.C. De Groot, Direttur tas-Suq tal-Enerġija
ALP/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
Nederland

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jidħlu wara l-għeluq ta' dan iż-żmien.

Deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar mill-għeluq ta' dan il-perjodu.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq dan in-numru tat-telefown: (31-70) 379 77 62 (persuna ta' kuntatt: E.J. Hoppel).

Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda abbażi l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarboni (idro-karbonji)

(2008/C 232/13)

B'dan il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi qed javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-ippros-pettar tal-idrokarbonji f'parti mill-blokk K3 kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regola-ment dwar il-Minjieri (*Mijnbouwregeling*) (Gazzetta tal-Gvern (*Staatscourant*) 2002, Nru 245). Iż-żona msem-mija għandha tiġi indikata bħala t-taqsima K3e tal-blokk.

B'referenza għad-Direttiva msemmija fid-daħla u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti [*Staatsblad*] 2002, Nru 542), il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni kompetittiva għal awtorizzazzjoni għall-ipprospettar ta' idro-karbonji fit-taqsima K3e tal-blokk tal-blata kontinentali tal-Olanda.

It-taqsima K3e tal-blokk hija mmarkata bl-arki paralleli bejn il-pari magħmulin mill-punti A-B, D-E, F-G, K-L, u M-N, mill-arki meridjani bejn il-pari magħmulin mill-punti B-C, E-F, G-H, L-M, u A-N u ċ-ċrieki l-kbar ta' bejn il-pari magħmulin mill-punti C-D, H-I, I-J u J-K.

Il-koordinati tal-punti huma kif ġejjin:

Punt	°	'	" E	°	'	" N
A	3	46	0,000	54	0	0,000
B	4	0	0,000	54	0	0,000
C	4	0	0,000	53	50	0,000
D	3	59	39,000	53	51	0,000
E	3	56	20,000	53	51	0,000
F	3	56	20,000	53	50	0,000
G	3	53	36,815	53	50	0,000
H	3	53	36,815	53	51	13,123
I	3	52	26,122	53	52	21,692
J	3	47	56,900	53	52	18,700
K	3	47	59,700	53	50	0,000
L	3	40	0,000	53	50	0,000
M	3	40	0,000	53	50	30,000
N	3	46	0,000	53	50	30,000

Il-punti msemmija hawn fuq huma definiti permezz tal-koordinati ġeografiċi, maħduma skont is-Sistema Ewropea ta' Referenza Terrestri.

It-taqsima K3e tal-blokk tkopri erja ta' 257,8 km^2.

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att dwar il-Minjieri (*Staatsblad* 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu fi żmien 13-il ġimgħa mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi
Għall-attenzjoni ta' J.C. De Groot, Direttur tas-Suq tal-Enerġija
ALP/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
Nederland

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jidħlu wara l-għeluq ta' dan iż-żmien.

Deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar mill-għeluq ta' dan il-perjodu.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq dan in-numru tat-telefown: (31-70) 379 77 62 (persuna ta' kuntatt: E.J. Hoppel).

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5284 — Klepierre/Abp/Steen & Ström)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 232/14)

1. Fil-25 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li biha l-impriżi Klépierre S.A. (Klépierre, Franza) li tappartjeni lill-grupp BNP Paribas ("BNPP", Franza) u Stichting Pensioenfonds ABP ("Stichting Pensioenfonds", l-Olanda) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriża Steen & Strøm ASA ("Steen & Strøm", in-Norveġja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Klépierre: il-kiri u l-ġestjoni ta' propjetà, partikolarment ċentri kummerċjali f'diversi pajjiżi taż-ŻEE,

— għal Stichting Pensioenfonds: fond ta' pensjoni għal min iħaddem u għall-impjegati li qegħdin fis-servizz tal-gvern Olandiż u fis-settur edukattiv,

— għal Steen & Strøm: ix-xiri, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' ċentri kummerċjali fin-Norveġja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni avżata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija rriżervata. Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5284 — Klepierre/Abp/Steen & Ström, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.